**Qalb ħanina**

Minn fost tant qlub għatxana
Għall-imħabba sibt tiegħek,
Dejjem siekta, miġrugħa
Imbikkija, x'kefrija!

Rajtha mċarta w miftuħa
Smajtha tokrob krib il-mewt,
Għax mitluqa, mormija
Mill-bnedmin wisq imdejqin!

Qalb kbira, ġeneruża
X'fettillek tħobbna daqshekk?
Lilna li qtilna l'ommna
B'qalb magħluqa w misluħa?

Kif tibqa' Qalb hekk siekta
Quddiem ħduret il-bnedmin?
Meta se turi snienek
Lill-ħatjin hekk imxajtnin?

Forsi għadek tistenna
Li dawn fl-aħħar għad jinfdew?
O Qalb ara kif biċċruk
L-għedewwa kontra s-sewwa?

Inħalli f'idejk il-ħaqq
Li jgħaddi kull ġudizzju,
Int li m'intx ħlief imħabba
Mogħtija fl-agunija.

Miss nitolbok Qalb ħelwa
Lil min qalbu m'għadhiex tħoss,
Qabel tiġi l-mewt kiefra
Ifdina Qalb ħanina.

Patri Mario Attard OFM Cap
16 ta' Gunju 2023

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.